Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 149 / 2018

Il-Pulizja

Vs

Francesco Darmanin

Illum 6 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Francesco Darmanin detenur tal-karta tal-identita Maltija 538686 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-2 ta' Mejju, 2016, ghal habta ta' 17:45hrs fi Triq il-Wardija, San Pawl il-Bahar, waqt li kien isuq vettura bin-numru tar-Registrazzjoni BAB 042:

1) Talli saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport fit-triq;
2) Talli fl-isstess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qed jaghmel uzu mill-vettura imsemmija, b' nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, ikkaguna hruq jew ghamel xi hsara jew gharraq xi haga ghad-danni tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Bahar;
3) Saq vettura BAB 042 b' manjiera traskurata;
4) Saq vettura numru BAB 042 b' manjiera perikoluza;

5) Saq jew ipprova jsuq jekk kellu kontroll tal-vettura numru BAB 042 fi triq jew f' post pubbliku meta ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
6) U akatar talli irrifjuta jew naqas milli jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15 (1) (a) (2) (3), 15 A, 15 E tal-Kap 65 u Artiklu 328 (d)tal-Kap 9;

Sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt akkuza; Illiberatu mit-tieni u mir-raba' akkuza; Ikkundannatu ghal multa komplessiva ta' elf u tlett mitt ewro u sospensjoni tal-licenzja ghal perjodu ta' sitt xhur b' effett minn nofs il-lejl ta' llum.

Il-multa hi pagabbli ta' hamsa u hamsin ewro fix-xahar b' dan li l-bilanc isir dovut kollu jekk ma jithallasx fil-pront xi pagament u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Francesco Darmanin, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-27 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa' dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi u filwaqt li tikkonfermaha f' dik il-parti fejn ma sabitx lill-imputat hati tat-tieni (2) u r-raba (4) imputazzjoni, tthassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza f' dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-ewwel, (1), t-tielet (3), l-hames (5) u s-sitt (6) imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, u sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-ewwel talba, f' kaz li din l-Onorabbli Qorti ssib lill-appellant hati, timmodifika l-piena nflitta u minnflok tinfliggi piena aktar minima. Dan dejjem salv ghall kull provvediment li din l-Onorabbli Qorti jogghobha timponi fic-cirkostanzi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat **illi l aggravji tal-appellanti huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u cioe:**

1. Illi fl-ewwel lok, l-Ufficjal Prosekutur certament ma gabx l-ahjar prova possibli sabiex jelimina kull dubju, jew almenu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar l-identita` tal-persuna li fil-verita` wettaq dan ir-reat. Illi fl-ewwel lok, il-fatti m' humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni ghaliex mhux minnu li l-appellant kkommetta r-reati addebitati lilu, wisq anqas l-istess reati gew ppruvati sal-grad rikjest fil-Ligi. L-istess reati huma ta' indoli penali u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha, bid-dovut rispett tipprova l-istess addebiti fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-azzjem tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kien jirrizulta` ampjament car li ma ngabet ebda` prova in sostenn ghall-imputazzjonijiet odjerni.

   Illi f' kawza simili u cioe` b' imputazzjonijiet identici, fl-ismijiet <u>*Il-Pulizija vs Wayne Muscat,*</u> ***datata 3 ta' Ottubru tas-sena 2017, l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati, Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali*** qalet is-segwenti fir-rigward tal-prova dwar l-identita' ta' min wettaq ir-reat bi ksur ta' Ligijiet dwar it-Trakkifu:

   *"Semghat ix-xhieda mressqa quddiem il-Qroti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i.*

   *Peress li jirrizulta li l-akkuzat jinsab fejn vettura li kienet mahbuta imma ma ngiebet ebda prova li juri li attwalment l-akkuzat kien qed issuq huwa stess, u hawnshekk qeghdin fir-relm tar-regoli kriminali u ghalhekk il-prova kellha tingieb lill hinn minn kull dubbju. Madankollu l-Qorti m' ghandha l-ebda dubju li l-akkuzat fil-prezenza tal-Pulizija hassu komdu bizzejjed biex jaghmel l-awrina mal-crash barrier.*

   *Tilliberah mill-akkuzi bin-numru wiehed, tnejn, u ssibu hati tal-akkuza numru tlieta, u timmultah ammenda komplessiva ta' €100."*

L-appellanti jaghmel referenza wkoll, fuq dan l-aspett, ghall-kawza ohra simili, ***tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet,*** Pulizija vs David Shaun Galea, ***deciza nhar it-3 ta' Novembru tas-sena 2014***, fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell qalet is-segwenti fuq dan r-rigward tal-identita' ta' min iwettaq ir-reat fejn l-unika prova migjuba mill-Prosekuzzjoni tkun stqarrija tal-persuna susspettata, biss:

*"Fil-każ odjern, il-Pulizija bagħtet għall-appellant wara li Mario Galea kien qalilhom li kien ibnu l-appellant li kien qiegħed isuq il-karozza in kwistjoni. Jiġifieri l-appellant kien "persuna suspettata". Huwa minnu illi ma ġiex infurmat li kellu d-dritt ta' assistenza ta' avukat iżda meta mar għand il-Pulizija huwa mar volontarjament u ma kienx taħt arrest. Irid jingħad, pero`, illi bħala persuna suspettata, meta interrogat mill-Pulizija, l-appellant lanqas ma ngħata twissija (ara* ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri****, Qorti Kostituzzjonali, 31 ta' Jannar 2014). Konsegwentement dak li qal l-appellant lill-Pulizija, mingħajr ma ngħata tali twissija, ma jistax jittieħed bħala prova.*

*Għalhekk, u fl-assenza ta' provi oħra, l-appell jimmerita akkoljiment.*

*Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah minn kull ħtija u piena."*

Ghalhekk jidher ampjament car, li wiehed mill-elementi tal-prova li riedu jingiebu mill-Prosekuzzjoni f' din il-kawza, kien jekk kienx attwalment l-appellanti li kien qieghed issuq il-vettura, fi Triq il-Wardija, f' San Pawl il-Bahar meta nqalbet. Prova li minkejja l-insenjament tal-Qrati Maltin, ma ngabitx il' quddiem.

2. Illi fit-tieni lok, l-appellanti jaghmel ukoll referenza ghall-fatt li dak dedott minnu waqt li kien fl-ghassa tal-Mosta, u cioe` fl-istatement li huwa ta, ma kienx kawtelat minn ebda` konsulta legali. Fil-prezent, il-gurisprudenza tghallem li mhux talli persuna suspettata ghandha jkollha dritt li tiehu

konsulta legali, izda wkoll li jekk hija tinnecessita' u tixtieq waqt li tkun qeghda tigi mitkellmu mill-Pulizija, jista' jkun hemm prezenti maghha avukat tal-fiducja taghha. Ghalhekk, il-Qorti kellha wkoll tqis tali cirkostanzi u ma taghtix sostenn ghall-dak dedott mill-appellanti, waqt li huwa kien fl-ghassa. Dan jinghad b' aktar serjeta, meta mill-azzjem tal-provi mressqa, jidher ampjament car li mhemmx provi li jindizzjaw u juri li kien l-istess appellant li kien qieghed issuq tali vettura, izda dan gie konkluz mill-Pulizija wara l-istatement tal-appellanti u dak li ntqal minnu f' mument ta' paniku u meta ma' kienx assistit. Jidher, li l-uniku raguni li l-appellant nghata l-addebitu imputazzjonijiet, kien motivat biss minn dan l-istess statement. L-ewwel Qorti certament ma haditx qies ta' dan premess, stante li lanqas biss hemm riferenza ghal gurisprudenza nostrana fir-rigward tal-assistenza legali waqt l-interrogatorju jew inkella waqt li persuna tkun qeghda tigi mitkellma mill-Pulizija, fis-sentenza deciza minnha.

3. Illi fit-tielet lok, u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant qieghed iressaq aggravju dwar il-piena inflitta. L-appellant umilment jirrileva li l-multa ta' €1,300 imposta fuqu flimkien mas-sospensjoni ta' licenzja ghall sitt xhur, hija wahda severa hafna. Mill-azzjem tal-provi jidher li l-Qorti applikat is-sospensjoni tal-licenzja wara li ikkunsidrat li kien l-istess appellant li kien qieghed issuq. Di fatti, minn imkien mill-provi prodotti mill-ufficjal prosekutur, gjaladarba dak li qal l-appellanti jigi skartat minhabba in-nuqqas ta' konsulta legali, ma jirrizulta li kien l-istess appellant li kien qieghed fil-kontroll tal-vettura meta din inqalbet. Mhux talli hekk, talli l-istess ufficjal ta' Transport Malta u cioe` Stephen Cachia, iddikjara li l-vettura ma kienetx registrata f' isem l-appellanti izda f' isem certu Chrisian Florin Epuras. Liema persuna qatt ma' telghat tixhed mill-Prosekuzzjoni sabiex tikkonferma minn kien qieghed issuq f' dak il-mument.

Rat dak li gie verbalizat fl-atti fi-eduta tat-18 ta' Settembru, 2018 fejn gie ddikjarat li l-partijeit m'ghandhomx oggezzjoni li din l-kawza tigi trattata minn din il-Qorti

minkejja li iben l-Imhallef sedenti jahdem fl-istess ufficcju ta' l-avukat difensur tal-appellant.

Ikkunsidrat,

Rat l-affidavit rilaxxjat minn **WPS 224 Suzanne Mifsud** mahluf nhar il-11 ta' Gunju, 2016. Is-surgenta spjegat illi mhar it-2 ta' Gunju, 2016 ghall-habta ta' 17.45hrs waqt li kienet xoghol l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra giet infurmata li fi Triq il-Wardija hdejn is-supermarket mgharuf bl-isem 'Scots supermarket' inqalbet karozza u x-xufier kellu d-demm hiereg minn rasu.

Hija marret fuq l-post indikat lilha u hemmhekk sabet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAB042 ta' l-ghamla Hyundai u din instabet f'nofs tat-triq maqluba fuq is-saqaf direzzjoni lejn Wardija fejn irrizultalha li x-xuffier kien l-appellant u dan instab baxxut ma l-art f'nofs fit-triq u nofs fuq gewwa tal-vettura fejn meta gie mitkellem dan stqarr li kien ser igib ic-cwievet minn gol-vettura. Hemmhekk gie offrut l-assistenza medika izda huwa irrifjutaha u baqa' jsostni li ma kellu xejn salv xi problemi familjari.

Fuq il-post meta gie mistoqsi stqar li l-vettura BAB 042 hija proprjeta' tieghu u kien ghadu kemm xtraha.

Fuq in-naha tax-xellug tat-triq diezzjoni lejn Wardija gie ukoll innotat li parti minn cint tas-sejjieh giet imwaqqa' b'kawza ta' impatt fejn ma l-art bejn ic-cint tas-sejjieh u l-vettura kien hemm trab u gebel zghir.

Waqt li x-xuffier kien qed jigi mitkellem rigward l-incident inxtammet riha ta' alkohol fejn ukoll gie innutat li kien qed jimxi ghad-dritt xi kultant jersaq lejn genb.

Zidet tghid li x-xufier gie akkompanjat l-ghassa tal-pulizija tal-Mosta fejn gie nfurmat li waqt li kien qed jitkellem fuq il-post inxtammet riha ta' alkohol hierga minn go halqu u li kien ser jittihed it-test tan-nifs u f'kaz li r-rizultat ikun wiehed li jaqbez il-limitu preskritt mill-ligi kienu ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu. Minn jeddu stqarr li ma kienx se jghamel it-test ghax ibati mill-asthma u ammetta li kien ha sitta birra. Huwa irrifjuta ukoll li jiffirma l-ircevuta tar-rifjut tat-test tan-nifs u nghata kopja ta' l-istess ricevuta.

L-appellant iffirma dikjarazzjoni li kien ser jghamel tajjeb ghall-hsara li garrab il-hajt tas-sejjiegh (pero' din l-ircevuta baqghet ma gietx pprezentata).

L-appellant gie invistat minn Dr. Charmaine Cremona fejn irrizutla li kien qed isofri minn griehi ta' natura gravi.

B'kawza ta' l-impatt l-imsemmija vettura garbet hsarat u tnehhiet minn fuq il--post permezz ta' *tow truck* privat.

Zidet tghid ukoll li minn informazzjonui li kellha mit-Transport Malta l-vettura hija registrata fuq Epuras Christian Florin u li ma hiex licenzjata ma l-Awtorita' dwar it-Transport ta' Malta. Saru diversi tentattivi biex jigi mitkellem Epuras Christian Florin kemm permezz tat-telefon kif ukoll billi thalliet notifika fir-residenza tieghu gewwa s-Swieqi fejn irrizultaw fin-negattiv.

Rat l-affidavit ta' **Stephen Cachia** rapprezentant ta' Transport Malta li stqarr li skond ir-rekords ta' l-Awtorita' rrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni BAB042 tal-marka Hyundai Accent ta' kulur abjad hija registrata fuq Christian Florin Epuras detentur ta' l-identita 81804A u ilha hekk registrata sa mit-3 ta' Frar, 2015 u li l-istess licenzja skadiet fid-29 ta' Frar, 2016.

Rat ix-xhieda ta' **Dr. George Abdilla**, deputat segretarju amministrattiv tal-kunsill lokali ta' San Pawl il-Bahar mghotija fis-seduta tal-20 ta' Ottubru, 2017. Dan stqarr li kien gie infurmat minn xi rappresentant ta' Transport Malta li kien hemm xi hsarat fuq l-hajt gewwa Burmarrad. Huwa ma kienx prezenti waqt l-incident pero' mill-informazzjoni li kellu jirrizutla li kien hemm xi hsarat fil-hajt.

Mistoqi jekk ghandux xi ritratti ighid li m'ghandux u lanqas stima tal-hsarat ma kellu. Mistoqsi jekk jafx x'kienu l-hsarat jghid li ma jafx lanqas.

Rat ic-certifikat mediku rilaxxjat minn **Dr. Charmaine Cremona** minn fejn jirrizuta li hija kienet ezaminat lill-appellant nhar it-2 ta' Mejju, 2016 ghall-habta tas-7.30 p.m. fic-centru tas-sahha ta' Floriana u sabet li kien qed sofri minn diversi feriti kif hemm deskritt fic-certfikat taghha dok AE esebit fl-atti a fol 19 fejn iddiskreviet il-feriti bhala ta' natura gravi.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok l-appellant jghid li l-prosekuzzjoni naqset li tiprpovdi l-ahjar prova u cioe' li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li kien l-appellant li verament kien qed isuq l-vettura dak in-nhar tal-incident.

Fit-tieni lok id-difiza targumenta li dak kollu li l-appellant setgha qal lill-ufficcjal investigattiv ghandu jigi injorat u dan ghaliex ma kienx inghata id-dritt ta' assistenza legali qabel ma gie mitkellem. Konsegwentement din il-Qorti giet mistiedna sabiex tiskarta dak kollu lil l-appellant setgha qal lill-ufficcjal investigattiv.

Fit-tielet lok l-aggravju tieghu huwa imsejjes fuq l-fatt li l-piena inflitta hija eccessiva.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti sejra fl-ewwel lok titratta it-tieni ecezzjoni u cioe dik rigward l-ammissibilita o' meno ta' dak kollu li l-appellant setgha qal lill-ufficcjal investigattiv bla ma inghata id-dritt tieghu li jikkonsulta ma avukat.

Din il-Qorti sejra titratta din il-kwisjtoni billi sejra issegwi l-insenjament moghti mill-Qorti tal-Konvenzjoni Ewopeja billi ser tiskarta ghal-kollox dak kollu li l-appellant setgha qal lill-ufficcjal investigattiv waqt l-investigazzjoni taghha u dan minkejja li l-appellant ma irregistra l-ebda ammissjoni f'dak li qal.

Kif irriteniet l-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fil-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Camilleri**[1]:

> *"Illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja gie estiz mill-gurisprudenza ewropeja mhux biss ghal jedd li ghalih hija intitolata l-persuna akkuzata matul il-proceduri penali fil-qorti izda ukoll ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dina l-fehma ghalhekk tfisser illi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal- persuna suspettata......"*

Issir riferenza ukoll ghal dak dikjarat mill-Qorti kriminali[2]:

[1] Seduta tal-25 ta' Frar 2016, Appell numru 405/2014. Per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima.
[2] Decizjoni fuq Eccezzjonijiet Preliminari. Att t'Akkuza 17/2014 fl-ismijiet Ir-Repubbika ta' Malta vs Ramon Fenech Deciz mill-Qorti Kostituzzjonali fit 2 ta' Guju 2016

*"........din il-Qorti ma tistax tinjora principju ormai stabbilit mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika mhux biss tul l-iter tal-proceduri penali fil-qorti, izda fuq kollox ghandu isib applikazzjoni u ghalhekk jigi estiz ghal hekk imsejjah pre-trial stage u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa millistadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali billi fis-sistema penali taghna fejn il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha."*

Illi f'decizjoni recenti[3] moghtija mill- Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem gew affermati il-principji generali li ghandhom jigu sewgiti mill-qrati meta inghad:

*"Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.*

*The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer*

[3] **Mario Borg vs Malta -** Deciza mill-Qorti Ewropeja nhar it 12 ta' Jannar 2016. Applikazzjoni numru 37537/13.

*are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."*

Imbaghad fil-kawza **Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine**[4] gie deciz:

*"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see Salduz v. Turkey [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."*

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma ikunx hemm disposizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lil persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li ssehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal-smiegh xieraq anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma ikun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet.

Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs Monaco**[5], nstab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-

[4] Deciz mill ECHrt nhar it-13 ta' Gnju 2014.

assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kenitx tippermettieha. (ara ukoll **Yesilkaya vs Turkey**[6] –, **Fazli Kaya vs Turkey**[7]).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti il-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)7[8] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u id-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv ma hijiex bizzejjed.

*"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.*
*32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see* ***Salduz****, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.*

*33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see* ***Saldu****z, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis*

[5] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar l-4 October 2013 Applicatin Number 62880/11
[6] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar it-8 ta' Dicembr 2009 Applicatin Number 59780/00
[7] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar is-17 ta' Settembru 2015 Application Number 24820/05
[8] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar it-13 ta' Ottubru 2009 **Dayanan vs Turkey –** Applikazzjoni Numru – 7377/03

*of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>." (sottolinjar tal-Qorti)*

*Fil-fatt fid-decizjoni* **<u>Brusco vs Franza</u>**[9] *gie deciz:*

*"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni*

*de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention[10]."*

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju kontra l-appellant illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghal harsien tal-jedd ghal smiegh xieraq tal-persuna akkuzata.

Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **<u>Dimech vs Malta</u>**[11] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setatx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni ta'l-artikolu 6 tal- Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma intemmux, madanakollu sahhqet:

*"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded,*

[9] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar l-14 ta' Ottubru 2010 application Number 1466/07

[10] The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of vidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above). The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention.

[11] Deciza mill-Qorti Ewropeja ghad Drittijeit tal Bniedem nhar it-2 ta' Lulju , 2015 application Number 34373/13

*namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."*

Illi ghalhekk in vista tal-insenjamenti fuq espost din il-Qorti ser tiskarta ghal kollox dak li gie raportat minn WPS 224 li allegatament intqal mill-appellant lilha.

Dwar l-ewwel aggravju din il-Qorti tirrileva li l-avukat difensur tal-appellant ghandu rgun jghid li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni u ghalhekk l-aggravju tieghu qed jigi milqugh.

Ta' min ifakkar li fi proceduri penali, l-onus tal-prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali, u hija l-eccezzjoni li d-Difiza trid tipprova xi haga.

Il-**Manzin**i fil-ktieb tieghu **Diritto Penale**[12] jghid:

*"Il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornirla spetta a chi accusa-. onus probandi incumbit qui osservit* "

Id-difiza qed tallega li l-prosekuzzjoni ma pprovatx il-kaz taghha sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex hadd ma identifika li kien l-appellant li kien qed isuq il-vettura dak in-nhar tal-incident.

Illi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma resqet lill-ebda xhud okulari jixhed u jghid li effettivament ra lill-appellant isuq jew jispjega kif spicca nofs barra mill-vettura li kienet mahbuta f'cint. Lanqas ma hemm prova fejn effettivament instab l-appellant jekk kienx fuq id-driver seat jew passenger seat. Ma hemm xejn dirett biex jallacja lill-appellant mas-sewqan tal-vettura BAB042 u ghalhekk donnha striehet fuq provi cirkostanzjali.

---

[12] pg. 234 Vol III.

Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs Jason Lee Borg u Alan Camilleri**[13]:

*"Provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. "*

Fil-fatt skond sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil**[14] gie ritenut li:

*"l-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tant li tipprova fatt bi precizjoni matematika."*

B'referenza ghal din il-kwistjoni ghandu jsir referenza ghal dak li inghad fl-kawza fl-ismijiet **Police v Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader**[15] fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal dak li ntqal minn l-Imhallef rinomat **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **Teper v The Queen**[16].

*"It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference."*

Kif gie ritenut ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Gatt**[17] li :

*"Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni."*

Huwa mperattiv li meta' kaz jiddependi purament fuq prova cirkostanzjali li tali prova cirkostanzjali tkun univoka u mhux ekwivoka jew ambigwa. Trid tkun prova evidenzjali li torbot lill-akkuzat u lil hadd aktar hliefu u li l-provi kollha li tresqu fil-konfront tieghu huma nkompatibbli mal-principju ta' l-innocenza tieghu.

---

[13] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998.
[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961.
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza li nghatat fid-9 ta' Gunju 1978.
[16] [1952] AC 480, 489.
[17] Deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza moghtija fis-17 ta' Gunju 1998

Issa l-Qorti ghalhekk trid tifli l-atti processwali u dan sabeix tara xi prova resqet l-prosekuzzjoni in sostern tal-akkuzi taghha. Jigi mfakkar li l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn izda hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu.

Ghalhekk huwa tajjeb dak li oservat id-difiza fir-rikors tal-appell tieghu u cioe' fir-rigward tas-sentenzi citati minnha dwar kif ghandha ssir identifikazjoni fir-rigward ta' persuna li allegatament ikkometta reat.

WPS 224 qalet li giet imsejha (u ma tghidx minn min) in konnessjoni ma incident li sehh fi triq li tghati ghal-Wardija fejn meta marret fuq il-post sabet karozza ta' taht fuq u l-appellant nofsu fiha u nofs 'l barra, pero' imkien ma tghid li kien fuq id-drivers side.

Il-prosekuzzjoni resqet ukoll li Stephen Cachia jghid li l-vettura in kwisjtoni hija registata fuq isem terza persuna u cioe' l-persuna ta' Chritian Florin Epuras. Pero' lil dan Epuras minkejja li jidher li kien identifikat bhala xhud fil-lista tax-xhieda fil-komparixxi ma xehdx. Resqet ukoll lir-rappresentant tal-kunsil lokali ta' San Pawl il-Bahar, Dr. George Abdilla jghid li ma jafx kemm kien hemm hsara fic-cint, li ma rax il-hsara u ma jafx min ikkawza l-allegat hsara.

Illi ghalhekk a bazi ta' din ix-xhieda il-prosekuzzjoni waslet ghal-konluzjoni li kien l-appellant li kien qed isuq l-vettura dak in-nhar tal-incident ghaliex sabet lilu biss fl-akwati. Ma kien hemm l-ebda rabta ohra bejn l-appellant u l-vettura.

Ili ghalhekk din il-Qorti trid tezamina l-fatti kif jirrizultaw biex tara jekk il-gudizju mehud mill-ewwel Qorti kienx wihed 'safe' u 'satisfactory'. Illi fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament ta' provi, huwa li tezamina il-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm verzjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali verzjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta mill-ewwel Qorti, il-funzjoni, anzi id-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti - kif del resto gieli ghamlet - tiddisturba l-gudizzju

tal-ewwel Qorti, trid tkun konvinta li l-istess ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti li waslu ghal gudizzju zbaljat.

Dwar l-ewel akkuza u cioe li l-appellant saq il-vettura BAB 042 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq jinghad li l-prosekuzzjoni tramite ix-xhud taghha Stephen Cachia irnexxilha tipprova li l-vettura in kwistjoni kellha l-licenzja taghha skaduta u dan b'effett mid-29 ta' Frar, 2016 u ghalehekk fil-jum meta instabet mahbuta fic-cint ma kellhiex road license valida. Pero' il-prosekuzzjoni ma setghetx tieqaf hem, kellha wkoll tipprova li kien l-appellant u hadd iktar li kien qed isuq din il-vettura. Il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li l-vettua hija registraa f'isem Epuras Christian Florin li ma xehdx f dawn il-proceduri. Irnexxilha tipprova li dakinhar giet imsejha fuq il-post WPS 224 minn persuna li baqa' anonimu u marret fuq il-post u sabet lill-appellant fil-vettura nofs barra u nofs gewwa. L-appellant ma kienx obbligat li jghati informazzjoni lil-prosekuzzjoni dwar kif sehh l-incident u m'hemmx dubbju li dak li seta' qal lill-ufficjal investigattiv qed jigi injorat stante li tali informazjoni ittiehdet minghajr il-kawteli li tipprovdi l-ligi u cioe' minghajr ma ingahta d-dritt ta' asssitenza kif rikjest mid-Direttiva 2013/48 kif inkorporata fil-ligi taghna bl-Att LV tas-sena 2016. Ili din l-ewwel akkuza mhux provata.

Fit tieni lok l-appellant gie akkuzat talli waqt li kien qed jghamel uzu mill-vettura BAB 042 b'nuqqas ta' hsieb jew bi taskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis lejn ir-regolament ikkaguna hsara ghad-dannu tal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il Bahar. Illi l-ewwel Qorti ma sabitux hati ta' din l-akkuza u l-Avukat Generali ma ntavola l-ebda appell f'dan ir-rigwad u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali akkuza.

Fit-tielet lok, l-appelant gie akkuzat talli saq il-vettura BAB 042 b'manjera traskurata. F'dan ir-rigward jinghad li l-prosekuzzjoni ma ressqet lil ebda xhud jghid li ra lill-appellant isuq u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova tas-sewqan zgur li ma tistax issibu hati ta' sewqan traskurat.

Fir-rigward tar-raba' akkuza, hawnhekk ukoll l-ewwel Qorti ma sabitux hati taghha u appell fir-rigward ta' din l-akkzua ma hemmx u ghalhekk ser tastjeni milli tiddiskuti tali reat.

Dwar il-hames akkuza l-prosekuzzjoni akkuzat lill-appellant talli saq jew ipprova isiq jew kellu kontroll tal vettura numru BAB 042 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. F'dan ir-rigward il-proekuzzjoni kellha l-ewwel tipprova li in effetti l-appellant kellu l-kontroll tal-vettura jew addirittura ipprova isuq jew saq tali vettura u wara tressaq provi li in effetti ma kienx f' kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni naqset li tghamel dan u ma ressqet l-ebda prova li identifikat lill-appelant bhala s-sewweiq tal-vettura li tappartjeni lil Epuras Christian Florin.

Illi s-sitt imputazzjoini hija dik bazata fuq l-artikolu 15A (1) u (2) tal-Kap.65 tal-Ligijiet ta' Malta. Din, ghad-distinzjoni mir-reat kontemplat fl-artikolu 15B, ma tiddependix minn rizultanza ta' proporzjon ta' alcohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina li jkun izjed mill-limitu preskritt kif indikat fl-artikolu 15I. Ghalhekk din l-imputazzjoni tista' tirrizulta ppruvata indipendentement minn xi reading ta' breathalyser test jew rizultat ta' test fuq xi strument iehor. Tista' tirrizulta minn sinjali bhal ma huma r-riha ta' xorb, li wiehed ikun jixxengel, ikarkar il-kliem jew igib ruhu b' mod li juri li jkun fi stat inebriat u tista' tirrizulta ppruvata anki minn depozizzjonijiet ta' xhieda okkulari li jkunu osservaw lis-sewwieq fuq il-post fejn ikun gie investigat. (ara **<u>Il-Pulizija vs. Mathew Calleja</u>**[18] u ohrajn) Fir-rigward ta' din s-sitt akkuza jinghad li sabiex il-proskeuzzjoni tkun gustifikata li tiehu kampjun tan-nifs jew tal-awrina tal-appellant una volta tipprova li l-appellant kien qed isuq jew ittenta isuq vettura fi triq pubblika u li kien hemm suspett ragonevoli likien qieghed taht l-influwenza ta' xorb. X'ghamlet f'din il-kawza l-prosekuzzjoni ressqet lil WPS 224 tixhed u tghid li giet mghajta fuq post fi Triq il-Wardija u sabet lill-appellant go karozza mahbuta. Pero' imkien ma tghid fejn kien fil-karozzza jew x'kien qed ighamel fil-karozza tghid biss "*kien jinsab baxxut ma l-art nofsu fit-triqfuq gewwa tal vettura* [19]". Illi din hi l-unika ness li gabet il-proskuzzjoni bejn l-appellant u l-vettura li instabet mahbuta. Tghid ukoll li "*kellu riha ta' alcohol fejn ukoll gie nnutat li waqt li kien qed jimxi ghad-dritt xi kultant resaq lejn genb*". Illi ghalkemm tali agir jista' jammonta ghal-prova cirkostanzjali li l-appellant ma kienx f'kundizjzoni li jsuq

[18] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar id-9 ta' Awwisu 2007.
[19] Vide fol. 5 tar rapport tas Surgent WPS 224 a fol. 6 ta' l-atti

minhabba xorb, xorta l-prosekuzzjoni kellha tipprova li l-appellant f'xi hin ipprova jsuq jew li in effetti kien saq.

Dwar is-sitt akkuza u cioe' dik li naqas jew irrifjuta li jaghti skond il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-awrina jinghad is-segwenti. Hadd mix-xiehda li gew imressqa mill-prosekuzzjoni ma nnotaw xi sewqan da parte tal-appellant u ghalhekk l-prosekuzzjoni kellha l-ewwel tipprova is-sewqan tieghu li ma kienx wiehed skond il-ligi qabel ma setghet tipprocedi biex tiehu kampjun tan-nifs tal-appellant. Ghalhekk din l-akkzua ukoll m'hix provata.

Ghalhekk in vsita tas-suespost din il-Qorti filwaqt li qed tikkonferma dik il-parti tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti fen illiberat lill-appellant mit-tieni u raba' akkuza qeghda tilqa' l-appell tal-appellant fejn talab revoka fis-sentenz moghtija mill-ewel Qorti fir-rigward ta' l-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt akkuza billi qed tiddikjara li ma ssibx lill-appellant hati taghhom u tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

Qeghda wkoll tordna revoka tas-sentenza f'dik il-parti fejn ordnat is-sospensjoni tal-licenzja tieghu ghal perijodu ta' sitt xhur.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur